**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 11-12

**Data: 31 ta' Ottubru** 2012

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku - skuzat
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 10.12 gew moqrija u approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsilliera Speranza Chircop.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Xogholijiet ta' resurfacing ta' Toroq - Konferenza Stampa fi Triq Patri Mattew Sultana.

Il-Kunsill se jerga jghati cans sat-tieni gimgha ta' Novembru 2012 ghal xi zviluppi u jekk jibqa ma jsir xejn din issir lejn l-ahhar tax-xhar.

2.2 Xoghol fl-Isqaq l-Ixprunara.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-materjal wasal u tpogga fil-Garaxx tas-Sur Arthur Borda sakemm jibda x-xoghol.

2.3 Skema Nru 1 tal-Awtorita tad-Djar.

Ix-xoghol fuq dan il-progett ghaddej u tlestiet l-ewwel fazi, qed jigu ppreparati t-tenders ghar-railing u d-dwal.

## 3 Komunikat mis-Sindku approvazzjoni ta' xogholijiet.

3.1 Xogholijiet.

3.1a Is-Sindku qal li dalwaqt ser jibda x-xoghol fuq iz-zuntier tal-Knisja, ghalhekk iridu jitnehhew il-planters li hemm fuqu. Tlieta minnhom tpoggew fil-Pjazza Sagra Familja u tlieta ohra ser jitpoggew fejn qed isir il-Progett tal-Awtorita tad-Djar.

3.1b Is-Sindku qal li l-konsenja tal-fjuri waslet u se jitqssmu bhas-soltu, u gie deciz li se jinqalghu il-pots ta' mal-hadid tan-nizla tax-Xatt. Dawn ghandhom jitqassmu fit-toroq li semmejna fil-laqghat ta' qabel.

3.1c Qed jitnaddaf ic-cimiterju tal-Lhud u anke l-gnien tas-Salvatur. Il-hofra tal-bajja ta' Rnella ghandha titkompla mmedjatament mill-haddiema tal-Ministeru responsabbli. Is-Sindku qal ukoll li sar tindif fl-area tac-Cimiterju ta' Wied Ghammieq.

3.1d Il-Kunsilliera Maria Sultana issuggeriet sabiex meta jinbidlu l-lampi tal-isqaqien isiru bozoz sofor sabiex jikkumplimentaw mal-ambjent tal-isqaq.

3.1e Il-Kunsill ircieva lment dwar parti mill-bankina ta' Triq San Lawrenz. Is-Sindku qal li din ghandha tigi kkunsidrata li ssir fis-Sajf tas-sena d-diehla minhabba problema ta' spralli.
Il-Kunsill qabel li s-sena d-diehla isiru xogholijiet fuq il-bankini li gejjin. Parti minn bankina ta' Triq is-Sibi, Triq is-Sienja, il-bankina tal-Pjazza Sagra Familja, parti mill-bankina ta' triq Santu Rokku, bankina ta' Triq il-Villa tal-Armirall u ta' Triq l-Ghassieli.

## 4. Korrispondenza.

4.1 Sqarrija ghall-Istampa dwar il-Hajt li waqa fit-telgha ta' Bighi.
Is-Sindku qal li kif giet ippubblikata din l-istqarrija ghall-istampa cempel id-Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet fejn infurmah li x-xoghol fuq dan il-hajt ser jibda ghada.

4.2 Korrispondenza dwar it-talba tal-Kunsill Lokali ghal-ATM.
Filwaqt li din il-korrispondenza intbghatet lill-banek kollha, kien biss l-APS bank li bghat li din it-talba ma gietx milqugha. Ma kien hemm l-ebda twegiba mill-banek l-ohrajn.

4.3 Encroachment ta' bicca art fil-bajja ta' Rnella.
Is-Sindku qal li rcieva encroachment mid-Dipartiment tal-Artijiet fejn dan tal-ahhar approva li tinghata bicca art lill-Kunsill b'encroachment sabiex issir latrina pubblika. Il-Kunsill Lokali qabel li qabel ma japprova l-encroachment ta' din l-art, id-Dipartiment ghandu jnehhi l-ispiza fuq il-kera tal-art li tiswa 400ewro fis-sena.

4.4 Kawza tal-Wied tal-Kalkara.

Din il-kawza inqatghet kontra l-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qieghed jaqbel li ma jappellax ghal din id-decizjoni minhabba aktar spejjez li dan l-appell jista jaqla mieghu kif ukoll li peress li ghadda hafna zmien, il-bini fil-Wied issa tela'.

4.5 Kawza tac-Cimiterju ta' Triq Missjoni Taljana.

Il-Kunsill Lokali ghamilha cara li huwa dahal f'din il-kawza sabiex jiddefendi l-interess tar-residenti. Meta din inqatghet u dawn ir-residenti appellaw mis-sentenza skond id-diskors tal-Avukat il-Kunsill gie ikklassifikat fuq in-naha tal-awtoritajiet u tal-Gvern. Sa dan it-tant ghas-smiegh tal-appell li ser isir fis-6 ta' Novembru 2012 il-Kunsill ser ikun rapprezentat mill-Avukat Pawlu Lia.

4.6 Quddiesa ghal dawk li mietu fil-Gwerra.

Is-Sindku ppropona li ssir quddiesa ghal dawk il-familjari tal-vittmi li mietu bil-Gwerra fi Pjazza Sagra Familja quddiem il-Mafkar tal-Gwerra. Din ser issir nhar id-9 ta' Novembru 2012 fis-6.00 ta' filghaxija u se tithabbar mill-Kappillan.

*4.7* Magazine tal-Kunsill.

Bhal ma kien diga approvat fil-laqghat li ghaddew il-Kunsill ser johrog magazine tal-Kunsill, ghaldaqstant kull Kunsillier ghandu pagna shiha sabiex jitkeb dwar id-dekasteru tieghu, u dwar ix-xogholijiet li twettqu matul is-snin.

**5. Skema ghall-Libreriji Memo 40/2012.**

Is-Sindku ressaq din il-Memo ghad-diskussjoni tal-Kunsill minhabba li jhoss li huwa ingust li din l-iskema ghall-ewwel darba saret b'dan il-mod. Ghalhekk il-Kunsill qabel li peress li huwa diga qieghed jonfoq il-fuq minn 600ewro f'kera tal-post kif ukoll 22 siegha fil-gimgha f'servizz ta' librar il-Kunsill qieghed jitlob li jigi ezentat milli jixtri l-kotba.

**6. Vakanza ta' Librar fil-Librerija Lokali.**

L-interviews lil dawk kollha li se applikaw ghal din il-vakanza ser isiru mis-Seg Ezekuttiv, mill-Kunsillier inkarigat mill-librerija pubblika kif ukoll mill-persuna mibghuta mil-Librerija Pubblika Centrali. Wara li jsiru l-interviews, il-Kunsill jiddeciedi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

**7. Jum il-Kalkara.**

Is-Sindku qal li minkejja li l-Kunsill qabel li l-Kuncert Muzikali isir is-Sibt 15 ta' Dicembru, il-Kunsill ser ikollu jbiddel din id-data minhabba li s-sala tal-iskola primarja m'hix disponibbli ghal dak inhar. L-Ghaqda Muzikali giet infurmata b'dan u ghandu jintlahaq kompromess dwar il-Hadd 9 ta' Dicembru 2012 peress li dik hija l-aktar data xierqa f'dawn il-konsegwenzi.

Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill li se taghmel wirja tal-presepji nhar it-30 ta' Novembru, l-1 u t-2 ta' Dicembru 2012 fis-sala parrokjali u serata ghall-anzjani u l-familja nhar l-14 ta' Dicembru fis-sala parrokjali.

Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li bhas-snin li ghaddew ser torganizza Hargiet Kulturali fil-Kalkara ghat-tfal tal-iskola fl-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara.

Jum il-Premjazzjoni jsir kif miftiehem nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2012.

## 8. <u>Plakka Kommemorattiva taz-Zjara tal-Papa Benedittu XVI.</u>

Is-Sindku qal li wara li ghamel talba lill-Ministeru tal-Ambjent u l-Affarijiet Rurali, tal-ahhar approva li jghatina iz-zonqor b'xejn. Ghalhekk issa ghandha tintalab stima tal-ispiza ghat-thejjija ghal dan il-Mafkar.

## 9. <u>Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti</u>.

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 11/12.

## 10. <u>Aggornament</u>

10.1 <u>Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:</u>

10.1a F'Jum l-erwieh, se tiehu lil xi nies ic-cimiterju ghall-Quddiesa.

10.1b Harga ghall-Irgiel ghal-Ghawdex

10.1c It-triq ta' taht Triq ix-Xatt hemm hafna trab, sabiex tingibed l-attenzjoni tal-Kennies u tibda tinkines aktar spiss.

Is-Seduta spiccat fit-8.00 ta' filghaxija u aggornata Sine Dia.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |